**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 425/2018**

**Il-Pulizija**

**Spettur Malcolm Bondin**

**Vs**

**Thomas Camilleri**

Illum 30 ta' Settembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Thomas Camilleri detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 570788(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-gżejjer, fis-7 ta' Marzu 2015 u fis-sena ta' qabel:

a. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużi KAP 101 tal-liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar- 4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pusses tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/1939), kif sussegwentment emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

b. Talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. F Depasquale LL.D. nhar il-15 ta' Frar 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

c. Talli sar reċidiv b'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Maġistrat Dr. F Depasquale LL.D. nhar l-24 ta' April 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-14 ta' Novembru, 2018 li wara li rat l-Artikolu 21 tal- Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li qieset li ġie ppruvat għas-sodisfazzjon tagħha illi l-Probationer naqas milli jsegwi l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation mogħtija lilu mill-Qorti fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Lulju 2016, ttrattat ma' Thomas Camilleri dwar ir-reat u l-addebitu tar-reċidiva li tagħhom kien instab ħati permezz tal-istess sentenza u li dwarhom kien tqiegħed taħt l-Ordni ta' Probation imsemmija daqs li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem il-Qorti għall-istess u fil waqt illi għal kull buon fini kkonfermat tali ħtija, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. kkundannat lill-ħati għall-pieni ta' erba' (4) xhur priġunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellant Thomas Camilleri, ppreżentat fid-29 ta' Novembru, 2018, fejn talab lil din l-Qorti **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi filwaqt li **TIKKONFERMAHA** fil-parti fejn, fuq ammisjoni, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan huwa appell minn denunzja fejn l-Ewwel Qorti itrattat mal-appellant dwar il-ksur tal-Ordni ta' Probation imposta fuqu permezz ta' sentenza tal-04 ta' Lulju 2016 fejn huwa gie misjub hati u recediv ta' pussess ta' droga kokajina. Fil-fehma tal-appellant il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' erba xhur prigunerija hija wahda eccessiva u li ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv apparti li jisħaq illi l-Ewwel Qorti ma qisitx illi fil-maġġor parti tat-testijiet tal-urina li sarulu dawn kienu fin-negattiv għall-abbuż tad-droga biex b'hekk huwa indubitat illi jinsab fit-triq tar-riforma. Jistqarr wkoll illi f'każijiet bħal dawn il-Qrati tagħna kienu dejjem aktar propensi illi jimponu pieni li ma kienux ta' inkarċerazzjoni anki f'każijiet fejn l-persuni akkużati kellhom preċedenti aktar serji minn dawk tal-appellant.

Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa l-atti proċesswali fejn qrat ix-xhieda mogħtija fuq medda ta' seba' seduti u qieset ukoll il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti illi wassluha sabiex titratta mal-ħati għar-reati li dwarhom kien gie misjub ħati, ghal liema akkuzi l-appellant kien irreġistra ammissjoni u inharrget Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn fil-konfront tieghu.

Illi nhar it-12 ta' Ottubru 2017, l-Uffiċjal tal-Probation Deborah Farrugia, ippreżentat rikors sabiex tiddenunzja lill-appellant billi hu ma kienx qed iżomm kuntatt regolari magħha u konsegwentement kien qed jonqos milli jsegwi d-direttivi mogħtija lilu, inkluż dawk konċernanti l-kura li l-istess Ufficjal dehrilha li kienet meħtieġa sabiex l-appellant jiġġieled il-vizzju tad-droga. L-Ewwel Qorti appuntat din id-denunzja għas-smiegħ fejn wara li semgħet lill-Uffiċjal ta' Probation fuq medda ta' seba' seduti, kif inghad, u

dan fil-perijodu bejn it-30 ta' Ottubru 2017 u t-8 ta' Ottubru 2018 trattat mal-appellant għar-reati li dwarhom hu kien gie misjub hati u kkundannatu għal piena ta' erba'xhur priġunerija effettivi.

Issa l-piena applikabbli għall-każ in eżami hija regolata bl-artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li hija dik ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien. Illi ukoll ghalkemm l-appellant gie misjub hati tal-addebitu tar-recidiva, madanakollu fid-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi l-Ewwel Qorti ghazlet illi ma tapplikax il-provvedimenti ta'l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali fil-konfront tieghu. Dan ifisser, kwindi, illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' erba' xhur priġunerija taqa' sewwasew fil-parametri tal-liġi u tqarreb lejn il-minimu.

Illi din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha hija tal-fehma illi l-appellant ma ghadux kandidat idonju ghal sentenza alternattiva ghal dik tal-prigunerija effettiva. Huwa diga inghata din l-opportunita li ma gharafx madanakollu jahtafha billi ma tantx wera interess li jgħin lilu nnifsu u filfatt ma qagħadx għall-kundizzjonijiet u għad-direttivi imposti fuqu mill-Uffiċjal ta' Probation. Dan wassal ghad-denunzja mertu ta' dawn il-proceduri.

Illi mix-xiehda tal-Ufficjal tal-Probation moghtija quddiem l-Ewwel Qorti ma jirrizultax illi kien hemm xi progress fl-imgieba tieghu. Mhux biss izda mix-xhieda ta' Helenio Galea rapprezentant tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, l-aħħar riżultat magħruf tat-test tal-urina tal-appellant kien fil-posittiv biex b'hekk ma jidhirx illi r-riforma li l-appellant jishaq li qed issehh f'hajjtu hija wahda tangibbli.

Maghmula dawn il-konsiderazzonijiet, u billi l-piena erogata mill-ewwel Qorti hija waħda ekwa u ġusta, tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi ma hemmx mottiv la fattwali u lanqas legali li tista' twassal ghal varjazzjoni ta'l-istess.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

(ft) Imħallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur